MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Talba Numru. 86/2003

**Noel Sultana**

**vs**

**Gregory Parnis**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm349.62) dovuti bhala hlas ta’ *spare parts* u xoghol li sar mill-attur fuq il-Van Suzuki proprjeta’ tal-konvenut, fuq inkarigu tal-konvenut stess (Dok A).

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta’ l-ittri interpellatorji tat-8 ta’ Jannar 2003 u dik tat-23 ta’ Mejju 2003 (Dok B u C) u l-ispejjes ta’ din il-procedura.”

Ra r-risposta:

“Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, Gregory Parnis.

Jeccepixxi bir-rispett:

Illi huwa debitur fil-konfront tal-attur ghas-somma ta’ mija u hamsin lira (LM150), liema ammont gie debitament offrut lill-istess attur li rrifjuta dan l-ammont;
Illi fil-fatt il-ftehim kien illi l-attur iwahhal il-magna wara li jixtriha huwa stess b’dan il-prezz ta’ mija u hamsin lira (LM150) l-istess magna.
Illi wara l-attur ippretenda l-hlas tal-ispejjez tal-hsara li kellha l-istess magna li xtraha l-istess attur.

Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema’ l-provi;

Ikkunsidra:

Illi dwar il-fatti, hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut kien inkarika lill-attur biex jixtrilu u jwahhallu magna *second hand* fil-vettura tieghu. L-attur esegwixxa l-inkariku tieghu, il-magna ma hadmitx minhabba blockage fir-radiator, u allura accetta li jibdilha *gratis* kif fil-fatt ghamel. Huwa baghat il-kont tax-xoghol li esegwixxa fuq it-tieni magna izda l-konvenut baqa’ ma kkuntattjahx u ma hallsux.

Illi dwar il-bqija tal-fatti, pero’, ma hemmx qbil bejn il-partijiet u ghalhekk it-Tribunal kif spiss jigri f’kazi simili irid jara liema hija l-verzjoni l-iktar verosimili u kredibbli.

L-ewwel: ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-prezz pattuwit.

Il-konvenuti, fir-risposta taghhom sostnew li l-ftehim kien li l-attur jixtri l-magna u jwahhalha ghall-prezz globali ta’ LM150. Georgette Muscat, habiba tal-konvenut, xehdet li l-ftehim kien *li l-prezz kollu kellu jkun mhux iktar minn mija u ghoxrin lira (LM120)*(affidavit a fol 22). Skond Muscat, l-

attur kien qalilhom li  l-magna kienet tiswa sittin lira (LM60).  Il-konvenut ukoll ikkonferma dak li qalet Muscat rigward il-prezz (deposizzjoni tieghu a fol 23).  In kontro-ezami, huwa qal li l-prezz tal-magna kien bejn LM60 u LM80 lira u li l-attur kellu jiehu LM40 ta' xogholu. Ikkontro-ezaminata, Georgette Muscat filwaqt li baqghet certa fuq il-prezz ta' LM120, cahdet li l-prezz tal-magna seta' kien LM80 kif xehed il-konvenut.  Qalet ukoll li meta sar il-ftehim,  l-(ewwel) magna kienet fil-pussess tal-attur – haga kontradetta kemm mill-attur innifsu (fol 39) kif ukoll minghand Salvu li bieghlu l-magna.  L-attur in kontro-ezami (fol 39) qal li huwa offra lill-konvenuti biex jixtru l-magna huma stess izda huma qalulu biex jixtriha hu.

L-attur xehed li cempel lil Salvu Cassar, bejjiegh tal-magni tal-karozzi,  fil-prezenza tal-konvenut u ta' Muscat u li dan qallu li kellu magna tiswa LM120 (fol 40).  Il-verzjoni tal-attur dwar dan hija kkorroborata minn Salvu Cassar, li kkonferma wkoll illi l-prezz tal-magna kien LM120.

It-tieni:  skond  Georgette Muscat, habiba tal-konvenut, (affidavit a fol 22) il-vann xorta wahda ma hadmitx sew meta twahhlet it-tieni magna; lejl minnhom waqfitilha f'nofs ta' triq; cemplet  lill-attur biex jaghtiha l-ghajnuna u dan wieghdha li l-ghada kellu jmur jara xi gralha.  Il-vann giet skrappjata.   Il-konvenut jaghti verzjoni kemmxejn differenti.  Jghid in kontro-ezami (fol 29) li wara li waqfet il-karozza, mar jigbidha huwa stess u *dik id-darba ma kkonsultajtx lill-attur.*  Din il-verzjoni hija wkoll differenti minn dak li qal il-konvenut innifsu fl-affidavit tieghu, li fih kien qal li l-karozza wara l-bdil tat-tieni magna xorta baqghet  ma tahdimx sewwa, li qal b'dan lill-attur, u li wiegbu li ma kienx jaf x'seta' jaghmel iktar.  Muscat (fol 37) qalet li l-karozza ma kinitx tahdem sew, ghax kienet tishon, ghalkemm hija xorta wahda baqghet tuzaha.  L-attur qal li wara t-tieni darba, il-konvenut qatt ma mar jilmenta mieghu dwar ix-xoghol (fol 48) – haga li fl-ahhar mill-ahhar giet ammessa mill-istess konvenut in kontro-ezami kif fuq indikat. Barra minn hekk, huwa ferm sinifikanti li l-konvenuti, fir-risposta taghhom ma allegawx li x-xoghol esegwit it-tieni darba kien hazin.

In vista tal-kontradizzjonijiet serji fix-xhieda tal-konvenuti, kif ukoll bejn ir-risposta taghhom u x-xhieda taghhom, it-Tribunal ma jistax jara kif jista' jaghti xi kredibilita' ghal dak li qeghdin isostnu l-konvenut u habibtu. Iktar u iktar meta l-verzjoni tal-attur hija ghar-rigward tal-premess wahda konsistenti, verosimili, u kkorroborata fejn applikabbli mix-xhieda ta' Salvu Cassar li huwa estraneu ghan-negozju li sar bejn il-partijiet kontendenti.

Hemm fatturi ohrajn li jkomplu jisreditaw ix-xhieda tal-konvenut:

(1) fil-kontro-ezami huwa qal li l-ahhar li saq il-karozza kien ghall-habta ta' Novembru jew Dicembru 2002 (fol 29), u li ma kellem lil ebda mekkanik iehor wara l-attur. Cioe' dam iktar minn sitt xhur shah isuqha wara li harigha minghand il-garaxx tal-attur.
(2) Skond il-konvenut skrappja l-karozza ghax qata' qalbu mill-ispejjez li kienet qieghdha taghmillu u ghax kien qieghed ilaqqat hafna citazzjonijiet billi l-licenzja ma kinitx imgedda ghax l-attur zammlu l-log book (fol 30). Ghalhekk ma jidhirx li skrappjaha ghax ma kinitx tahdem tajjeb b'konsegwenza tax-xoghol tal-attur.
(3) Skond il-konvenut, il-karozza giet skrappjata cirka Jannar 2003 (kontro-ezami, a fol 29). Ix-xoghol fuq il-karozza kien tlesta certament qabel l-10 ta' Gunju 2002, f'liema data l-attur hareg il-kont (fol 5). Muscat in kontro-ezami ammettiet li l-karozza kienet giet scrapped wara li hija kienet habtet biha (fol 35) fuq in-naha ta' quddiem (fol 36).

Illi skond l-attur, meta jwahhal magna *second hand* huwa jaghmlilha service, u cioe' jbiddlilha certi parts u fil-kaz tal-magna mixtrija ghall-konvenut huwa biddel ghadd ta' partijiet mhux zghir mill-istess magna, u cioe' il-gasket, cylinder head fillings, sparking plugs, oil filter u zejt, oil pump, oil pressure switch u xi accessorji ohra. Dan huwa kkorroborat ukoll minn Salvu Cassar. Ta' jdejh l-attur ha biss is-somma ta' LM40 li anke in vista ta' dak li xehed kemm is-soltu jiehdu l-mekkaniks f'kazi simili huwa ferm moderat u ragonevoli. Ghalhekk il-prezz illi ha jidher li huwa wiehed iggustifikat.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib it-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba gustifikata u ppruvata, jilqa’ l-istess talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM349.62c hlas ta’ spare parts u xoghol li sar mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-08.01.2003 u tat-23.05.2003 bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------